# L-elezzjonijiet f'Malta

kitba tas-Sur J. J. Camilleri



Hekk kif għaddew il-festi tal-Għid il-Kbir ta' din is-sena u wasal il-bidu tax-xahar ta' Ġunju 2009, kważi l-Maltin kollha kien mħedija fuq l-elezzjonijiet li kellhom isiru biex jiġu eletti l-membri għall-Parlament Ewropew, u f'ċertu postijiet, bħal fil-każ tal-Gudja, biex jiġu eletti wkoll il-membri tal-Kunsill Lokali. Ma setax jonqos li s-suġġett, kemm bejn il-ħbieb kif ukoll fuq il-gazzetti u x-xandir bir-radju u t-televiżjoni, ma jkunx fuq dawn l-imberkin elezzjonijiet.

Imma l-istorja ta' dawn l-elezzjonijiet mhux dejjem kienet ward u żahar u jekk immorru lura fiż-żminijiet insibu li r-rappreżentanza tal-politiċi Maltin fit-tmexxija ta' pajjiżna fiż-żmien tal-ħakma Ingliża ħolqot għadd kbir ta' problemi, diżappunti, kif ukoll protesti min-naħa tal-Maltin – eżempju ta' dan huma l-irvellijiet magħrufa bħala tas-Sette Giugno fis-sena 1919, jew aħjar l-irvellijiet ta' 90 sena ilu.

L-Ingliżi qiesu lil Malta bħala kolonja tal-Kuruna u l-Gvernatur kellu s-setgħa assoluta li jamministra waħdu u mingħajr konsultazzjoni ta' ħadd – dejjem kif kien jordnalu l-Gvern Ingliż. Insibu li fis-sena 1815, huwa qasam il-gżejjer Maltin fi tmiem ditretti u f'kull distrett ħatar Deputat Logutenent. Fis-sena 1839 ħareġ proklama li biha kien ippermetta li setgħu jinħatru tmien Sindki, wieħed għal kull distrett, magħżulin mill-avukati.

## L-ewwel Kostituzzjoni

Fl-1835 il-Gvernatur kellu kunsill konsultattiv ta' seba' membri li tlieta biss minnhom setgħu jkunu Maltin u Logutenent Gvernatur, imma bil-kostituzzjoni tal-1849, il-Kunsill sar ta' tmintax-il membru – disgħa uffiċjali u l-Gvernatur, li kellu d-dritt għall-*veto* – u tmien membri eletti, li wieħed minnhom kien jirrappreżenta lill-gżira ta' Għawdex. Bl-emendi li kienu saru nsibu li bl-introduzzjoni tal-kostituzzjoni tal-1887, il-membri eletti Maltin saru l-maġġoranza għad li b'ċertu riservi. Din ġiet meqjusa bħala l-aħjar kostituzzjoni tas-seklu, iżda meta fis-sena 1903 daħlet flokha kostituzzjoni oħra, il-maġġoranza tal-Maltin intilfet u reġgħet saret waħda uffiċjali.

Baqgħu jsiru l-elezzjonijiet għal dak li kien jissejjaħ Kunsill tal-Gvern. Sal-1917 saru ħmistax-il waħda. Bis-sistema taż-żewġt ikmamar, inqalgħu għadd ta' diffikultajiet tant li fis-sena 1930 il-Gvern Imperjali ssospenda l-kostituzzjoni.

## L-ewwel elezzjonijiet

L-elezzjoni għall-Gvern responsabbli fil-pajjiż saret għall-ewwel darba b'riżultat tal-kostituzzjoni fis-sena 1920. Il-poplu Malti fl-aħħar seta' jagħżel id-Deputati biex jirrapreżentawh fl-Assemblea Leġislattiva – tnejn u tletin Deputat b'ħatra ta' tliet snin. Kien hemm ukoll l-elezzjoni għas-Senat (sbatax-il membru) għal sitt snin. Il-Parlament il-ġdid infetaħ fl-1 ta' Novembru tas-sena 1921.

## Ismijiet differenti

Il-kostituzzjonijiet kellhom kollha ismijiet differenti. Hekk insibu dawk tas-snin 1921, 1924, 1927 u 1932 baqgħu magħrufa bħala *Amery* dawk tal-1939 u l-1945 bħala *Macdonald,* tal-1962 bħala *Blood* u tal-1966 u l-1971 bħala *Indipendenza*, filwaqt li dik tal-1976 bħala *Repubblikana.*

Matul iż-żmien saru diversi liġijiet ta' kif jinqasmu d-distrett: min kellu dritt għall-vojt, x'seta' u ma setax jiġi diskuss fl-Assemblea Nazzjonali kif f'materji riservati ma setgħux jittieħdu deċiżjonijiet eċċ.

## Il-Votanti

Fil-bidu kienu jivvutaw l-irġiel biss, in-nisa kienu miżmuma milli jivvutaw fl-elezzjonijiet għaliex kienu meqjusa bħala li kienu tajbin biss biex jieħdu ħsieb id-dar u t-tisjir. Ta' min jgħid ukoll li lanqas l-irġiel kollha ma kellhom id-dritt għal vot imma biss dawk li kienu jafu jiktbu u jaqraw jew li kellhom xi proprjetà. Sas-sena 1940 kien għad hemm il-vot plurali għall-elezzjoni tas-Senat, dan kien ifisser li kien hemm irġiel li setgħu jivvutaw f'kull distrett fejn kellhom xi proprjetà, jiġifieri jekk votant kien joqgħod fit-tielet distrett u kellu xi proprjetà fis-seba' distrett, kellu d-dritt li jivvota għall-kandidati fuq it-tielet u fuq is-seba' distrett.

Fis-Senat kien hemm sbatax-il siġġu – għaxra eletti mill-kleru, nobbli, gradwati, il-Kamra tal-Kummerċ u l-Kunsill tat-*Trade Unions* (tnejn kull wieħed). Is-sebgħa l-oħra kienu jintgħażlu minn żewġ distretti. Saru elezzjonijiet għas-senat fis-snin 1921, 1927, 1932. Fis-sena 1947 kien ġie mogħti l-vot lin-nisa u fis-sena 1975 l-età tal-votanti niżlet minn 21 sena għal 18-il sena, għalhekk insibu li n-nmru ta' dawk bid-dritt li jivvutaw żdied immensament.

Matul is-snin baqgħu jsiru t-tibdiliet fid-distretti u dan kien jiġri l-aktar għaliex in-nies bdiet tbiddel ir-residenza tagħha għal irħula differenti, minħabba li bdew jinbnew djar u flattijiet mill-Gvern fi rħula madwar Malta kollha. Fil-kostituzzjoni tal-1961 kien hemm maħsub li ssir Kamra Leġiżlattiva, waħda b'ħamsin membru parlamentari, u li l-elezzjonijiet jibdew isiru kull erba' snin. Iċ-ċittadini Maltin ta' 'l fuq minn wieħed u għoxrin sena setgħu jivvutaw. Fil-Kabinett ma kellux ikun hemm aktar minn seba' Ministri. Id-difiża u

## Deputati Gudjani jew residenti hawn


Nazzareno Dalli
1951–1953


Tabib Ġorġ Borg
1955–1956


Gio Marija Dalli
1956–1958


John Dalli
1971–1992


Karl Chircop
1996–2008

l-Affarijiet Barranin baqgħu materji riservati li ma setgħux jiġu diskussi jew jittieħdu deċiżjonijiet dwarhom mill-Gvern Lokali Malti.

Fis-sena 1962 saret elezzjoni fuq il-kostituzzjoni tal-1961. Id-distretti kienu għaxra u l-Gudja kienet tagħmel parti mit-tielet distrett u kellha magħha lill-irħula viċin tagħna jiġifieri lil Ħal Għaxaq, Ħal Luqa, Raħal Ġdid u Ħal Tarxien.

### Aktar bdiliet

Fis-sena 1971 kien hemm xi tibdil fil-konfini ta' xi distretti u għalhekk ġara li, fil-ħames distretti minflok li tellgħu ħames deputati parlamentari, dawn tellgħu sitta u b'hekk fil-Parlament Malti issa kellna 55 membru.

Fis-sena 1976 sar tibdil sinifikanti meta d-distretti saru tlettax, il-Gudja kienet ġiet impoġġija fir-Raba' distrett u kellha magħha lil Ħal Għaxaq ir-Raħal Ġdid, Santa Luċija u Ħal Tarxien.

### Tnejn u għoxrin elezzjoni

Sas-sena 2008 saru tnejn u għoxrin elezzjoni. Dawn kienu fis-sena 1921, 1924, 1927, 1932, 1945, 1947, 1950, 1951, 1953, 1955, 1962, 1966, 1971, 1976, 1981, 1987, 1992, 1996, 1998, 2003 u 2008.

### Każini Politiċi fil-Gudja

L-ewwel każin politiku fil-Gudja kien tal-Partit Laburista (Ċentru Laburista) li nbena minflok dar qadima li kienet abitata mill-familja Zammit u jinsab fil-pjazza tal-Knisja, kantuniera ma' Triq William Baker. Id-dar li jokkupa l-Każin Nazzjonalista kienet dar residenzjali li kienet okkupata mill-familja Saliba u tinsab fi Triq Raymond Caruana, kantuniera ma' Sqaq Nru 1.


**BeautyLab**

*By Ritienne Agius(N.S.B.TH)*

Tel: **21 642553** Mob: **79091799**

*Address: 12, BeautyLab, Pal Street, Mqabba*

ST.TROPEZ
The Ultimate Tan

St. Tropez Spray Tanning available




**Services offered:**
- Facials (For pigmentation, wrinkles, ...)
- Body Massages (Aromatherapy, Stone Therapy, Tibet, Tuina, Indian Head ...)
- Manicures/Pedicures (removing of corns and calluses)
- Gym Massage for face (lifting)
- Reflexology Treatment
- Waxing
- Electrolysis
- Nail Art
- Nail Extensions (acrylic and gels)
- Eyelash/Eyebrow tinting
- Diet treatments and consultations
- Professional Make up for all occasions
- (weddings, special effects make up ...)